# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 25 ta' Marzu 2025**

**Rikors numru 432/2024/1**

**Martin Bezzina Wettinger et**
**vs.**
**L-Avukat tal-Istat et**

**Il-Qorti rat is-segwenti:**

Rat ir-rikors tal-atturi datat 19 ta' Settembru 2024

Rat ir-risposta tal-konvenut Avukat tal-Istat tal-20 ta' Frar 2025 u dik tal-konvenuti Zammit tat-18 ta' Frar 2025;

Rat l-atti;

**Ikkunsidrat**

L-Avukat tal-Istat essenzjalment m'opponiex it-talba għalkemm protesta ruħu għall-ispejjeż. Biss żied li fil-fehma tiegħu dan il-każ kien jissubentra fil-parametri tal-art. 792 – 794 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-konvenuti Zammit però korrettament innotaw li t-talba ma kienetx bażata fuq dawn l-artikoli ċitati filwaqt li ma kienx proċeduralment ammissibbli li proċess pendenti jiġi "allegat u anness fl-intier tiegħu".

Il-bażi legali wara r-rikors għalhekk hija karenti.

Hi x'inhi l-intenzjoni tar-rikorrenti, il-fatt hu li huma intavolaw din il-kawża quddiem din il-Qorti, fil-ġurisdizzjoni speċjali iżjed il-fuq imsemmija. Fil-waqt li din il-Qorti hija għalhekk adita sabiex tisma' l-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet qabel tasal għall-ġudizzju tagħha, u verament li l-ħela ta' ħin u riżorsi ma hija ta' benefiċċju għall-ħadd, mill-banda l-oħra hija tista' tagħmel dan biss fil-parametri ta' dak li tipprovdilha l-Liġi, inkluż dik proċedurali.

**Għalhekk, f'dan l-istadju proċedurali taż-żewġ proċeduri msemmija, tiċħad it-talba kif dedotta, u tordna l-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża bin-numru 432/2024 AB skont il-Liġi.**

**Spejjeż ta' din l-istanza a kariku tar-rikorrenti.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**